# Mixja lejn

# Parroċċa Ġdida



**DOM MAWRU CARUANA**
GĦALL-GRAZZJA TA' ALLA U S-SEDE APOSTOLIKA — —
ARĊISQOF TA' RODI U ISQOF TA' MALTA

*Għeżież ħuti u maħbubin uliedi,*

*Din il-parti tad-Djoċesi Tagħna, magħrufa bl-isem ta' Santa Venera, li diġa' tifforma parti mill-Parroċċi ta' Birkirkara, Ħamrun, Msida u Ħal Qormi, f'xi żmien b'ħedd ma jgħix fiha u issa nistgħu ngħidu mimlija bil-ġnien li minħabba f'hekk saret ħaġa iebsa li jiltaqgħu mal-Kappillan tagħhom jew Ragħaj biex jieħdu mingħandu l-ikel tal-Kelma Divina, l-aktar it-tagħlim tal-katekiżmu kif ukoll il-faraġ tas-Sagramenti fit-tmiem tal-ħajja, għalhekk l-Ewwel tal-Predeċessur tagħna Mons. Pietru Pace li b'ittra Pastorali tal-11 ta' Marzu 1913, waqqaf il-knisja ta' Santa Venera bħala Viċi-Parroċċa filwaqt li ħalla t-tmexxija tagħha f'idejn il-Kommunita' Reliġjuża tal-Patrijiet Karmelitani. Minn dak iż-żmien 'l hawn rajna tant tajjeb il-bżonn kanoniku li nifirdu dak it-territorju minn kull irbit ieħor u minnu nifformaw Parroċċa oħra.*

*Għalhekk wara li smajna l-ewwel il-parti l-aktar li għandha x'taqsam: il-Kappillani ta' Ħal-Qormi, Birkirkara, Msida u Ħamrun, ħadna l-parir tal-Kapitlu tal-Katidral tagħna u ħadna l-kunsens tar-Reverendissmu P. General ta' l-Ordni Karmelitan kif ukoll ir-reskritti tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju u tar-Reliġjużi, iddeċidejna li nwaqqfu l-Parroċċa l-ġdida ta' Santa Venera bil-qisien u t-territorju kif inhuma deskritti fil-Kurja tagħna.*

*Għalhekk bl-awtorita' tagħna Ordinarja nwaqqfu l-Knisja fuq imsemmija bħala Knisja Parrokkjali, bid-drittijiet, privileġġi u d-dmirijiet li huma marbuta ma' kull Knisja Parrokkjali, filwaqt li nħalluha għal dejjem f'idejn il-Kommunita' tal-Patrijiet Karmelitani tal-Provinċja Maltija.*

*Bħala Mexxej ta' din il-Parroċċa ġdida ngħażlu bħala Kappillan bl-unuri kollha, drittijiet u piżijiet ta' kappillan il-W.R.P. Ġwann M. Azzopardi ta' l-istess Ordni, imressaq lilna mill-W.R.P. Majjistru Spiridjun Vassallo, Provinċjal tal-Kommunita' tal-Patrijiet Karmelitani ta' Malta u lil dan il-Kappillan, magħżul minna għal tliet snin, il-fidili kollha li joqogħdu fit-territorju fuq imsemmi jurulh ubbidjenza, rispett, u qima b'qalb kbira għall-ġid spiritwali li jieħdu mingħandu taħt il-ħarsien ta' l-Imbierka Verġni Marija taħt it-titlu tal-Karmelu.*

*Mogħtija mill-Palazz Arċiveskovili tagħna fil-Belt Valletta, illum 4 ta' Settembru 1918.*

*Dun P. Vella Mangion B.A., D.D.*
*Kanċillier.*

*† Mawru O.S.B.*
*Arċ. Isqof ta' Malta*

**Digriet li bih Santa Venera ġiet konfermata Parroċċa**

Il-Parroċċa ta' Santa Venera kienet tifforma parti mill-parroċċa ta' Birkirkara, Ħal-Qormi, Msida u l-Ħamrun.

Għal ħafna żmien kienu għexu biss xi raħħala iżda minn żmien għal ieħor innies dejjem jiżdiedu tant li nħasset il-ħtieġa li l-limiti ta' Santa Venera isiru Parroċċa għalihom. Kien fil-11 ta' Marzu 1913 li Mons. Pietru Pace, b'ittra Pastorali ddikkjara l-Knisja ta' Santa Venera bħala Viċi-Parroċċa filwaqt li ħalla t-tmexxija tagħha f'idejn il-Komunità Reliġjuża tal-Patrijiet Karmelitani.

Wara li Santa Venera saret Viċi-Parroċċa baqa' jinħass il-bżonn kanoniku li jinfired dan it-Territorju minn kull irbit ieħor u minnu tifforma Parroċċa oħra.

Wara studju li sar u l-parir tal-Kapitlu tal-Katidral u bil-kunsens tar-Reverendissmu P. General ta' l-Ordni Karmelitan kif ukoll ir-reskritti tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju u tar-Reliġjużi ġie deċiż li titwaqqaf il-Parroċċa l-Ġdida ta' Santa Venera bil-qisien u t-territorju kif inhuma deskritti fil-Kurja Arċiveskovili.

Għalhekk fl-4 ta' Settembru 1918 Don Mawru Caruana, Arċisqof ta' Malta waqqaf il-knisja ta' Santa Venera bħal Knisja Parrokkjali, bid-drittijiet, privileġġi u d-dmirijiet li huma marbuta ma' kull Knisja Parrokkjali.

Bħala l-ewwel mexxej tal-Parroċċa intgħażel bħala Kappillan bl-unuri kollha, drittijiet u piżijiet ta' Kappillan il-W.R. Patri Ġwann M. Azzopardi ta' l-Ordni Karmelitan.

Id-digriet li bih saret Parroċċa Santa Venera ħareġ fl-4 ta' Settembru 1918, u kien iffirmat minn Dun P. Vella Mangion B.A., DD Kanċillier u Don Mawru Carauna O.S.B. Arċisqof ta' Malta.

**Silvio Farrugia**